A.L. 420 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan)

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u skond is-subregolament 1(2) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan), il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni stabbilixxa t-2 ta' Jannar, 2004, bħala d-data meta għandhom jidħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 2 sa 24 u 26 sa 77 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan), pubblikati bl-Avviż Legali 191, flimkien ma' l-Ewwel sar-Raba' Skeda u Skedi Sitta sa Tnax li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, u stabbilixxa wkoll id-29 ta' Marzu, 2004, bħala d-data li fiha għandu jidħol fis-seħħ ir-regolament 25 ta' l-istess regolamenti msemmija hawn qabel flimkien ma' Skeda Ħamsa li tinsab magħhom.